Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 196/2015

Il-Pulizija

Spetur Luke Bonello

Vs

Nidal Shawish

*Omissis*

Kenneth Zammit

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati, Nidal Shawish detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 589691M u Kenneth Zammit detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 86978M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fit-3 ta' Novembru 2011, meta kienu fil-fond 25, Triq il-Ferrovija Attard, waqt li kienu qeghdin jigu ezegwiti xoghlijiet f'kostruzzjoni minnhom fuq il-bejt tal-imsemmi fond:-

(i) Ikkommettew vjolazzjoni ta' domicilju ghad-dannu ta' Dr. Tonio Azzopardi LL.D, billi permezz ta' skalar, qabzu recint u dahlu f'propjeta privata tal-kwerelant, ghabbew disa' (9) bricks fuq is-saqaf tal-kamra tal-

bejt tal-kwerelant, sammru serratizzi mas-saqaf tal-bejt ta' Dr. Tonio Azzopardi LL.D. u tefghu virga tal-azzar ta' madwar pulzier hxuna fuq il-washroom tal-kwerelant minghajr il-kunsens tieghu kif ukoll qatghu il-cable television connection tal-kwerelant liema reat gie kommess bi skalar;

(ii) Aktar talli bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li ppretendew li ghandhom, gieghlu, bl-awtorita taghhom infushom, lil xi hadd ihallas dejn, jew jezegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew li fixklu lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlu fi hwejjeg haddiehor billi fixklu lil Dr. Tonio Azzopardi LL.D mill-pussess ta' hwejjgu (billi hafru hxuna ta' 9 pulzieri fil-hajt divizorju);

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' April, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli indikati;u cioe' l-Artikoli 85, 266 u 330 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

1. Sabet lill-imputat Nidal Shawish hati biss tal-ewwel akkuza senjatament ta' vjolazzjoni ta' domicilju permezz ta' scalar minghajr permess izda mhux ta' ta' qtugh ta' cable television (s33b) u tikkundannah ghal multa ta' hamsin Ewro (€50) u tilliberah mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi;
2. Ma sabitx lill-imputat Kenneth Zammit hat ital-akkuzi kif dedotti kontrih stante li kif inghad hawn fuq ma gewx ippruvati kontrih;
3. Iddikjarat procediment estit fil-konfront tal-imputat Philip Mifsud stante mewt.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-30 ta' April, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **tirriforma is-sentenza** appellata fis-sens illi:

a. **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellat Nidal Shawish hati tal-ewwel akkuza migjuba kontrih u fejn iddikjarat procediment estint fil-konfront tal-imputat Philip Mifsud;

b. **<u>tirrevokaha u thassarha</u>** f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat appellat Shawish mit-tieni akkuza u fejn erogat il-piena ta' multa ta' hamsin ewro (€ 50) fil-konfront tieghu, kif ukoll fejn ma sabitx lill-imputat Kenneth Zammit hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih; u

c. **<u>minflok</u>** issib lill-appellat Shawish hati ukoll tat-tieni imputazzjoni, kif ukoll issib lill-appellat Kenneth Zammit hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tinfliggi piena skond il-ligi fil-konfront taz-zewg appellati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-20 ta' April 2015 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha kif hawn fuq riferita, inter alia għamlet enuċazzjoni manifestament żbaljata tal-provi u tal-ligi li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputat Shawish mit-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tieghu u ghall-helsien tal-imputat Kenneth Zammit mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Illi fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati rriteniet illi a rigward tal-imputat Kenneth Zammit li kien il-bennej, *"il-Qorti thoss illi apparti li ma hemm l-ebda prova kontrih, illi huwa ovvjament kien qed jagixxi taht struzzjonijiet minn terzi u ghalhekk ma jistghax jitqies responsabbli tal-akkuzi kontrih."* Illi bir-rispett, l-esponent hassu aggravat b'din il-konsiderazzjoni tal-Qorti u dan ghaliex jirrizulta bic-car mill-provi prodotti illi kien l-imputat appellat Kenneth Zammit li kien ghamel l-iskalar meta kien qieghed jaghmel ix-xoghlijiet in kwistjoni u ghaldaqstant huwa kellu jinsab hati ta' dan il-fatt.

Illi aparti minn hekk, jigi rilevat illi l-agir ta' Kenneth Zammit anke jekk huwa agixxa skond istruzzjonijiet li kellu, xorta jammonta ghal agir illegali. Huwa principju legali ormai kristallizzat illi fi proceduri ta' natura penali, kull persuna hija responsabbli ghall-azzjonijiet taghha u ma tistghax iggib bhala skuzanti l-fatt li hija kienet qeghda

tagixxi fuq struzzjonijiet ta' haddiehor. Illi sakemm dak il-haddiehor ma gieghlix taghmel l-att kriminali b'xi forza barranija li ma tkunx kapaci tirrezisti ghaliha jew vjolenza, il-persuna li ghamlet l-att hija kriminalment responsabbli ghalih ukoll.

Illi ghaldaqstant l-esponent jissottometti li l-imputat Kenneth Zammit kellu jinstab hati, flimkien ma' dawk il-persuni li tawh dawk id-direttivi jew istruzzjonijiet, tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontrihom. Illi ghaldaqstant l-esponent jemmen li l-imputat appellat Shawish kellu jigi misjub hati wkoll tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell imressaq 'il quddiem mill-Avukat Generali huwa limitat ghal dik il-parti tad-decizjoni impunjata fejn l-Ewwel Qorti illiberat liz-zewg appellati mill-akkuza moghtija ai termini ta'l-artikolu 85 tal-Ligijiet ta' Malta u ukoll fejn l-appellat Kenneth Zammit gie illiberat mill-ewwel imputazzjoni u cioe' ir-reat mahsub fl-artikolu 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex jilmenta, fl-ewwel lok, illi kien l-appellat Zammit li ezegwixxa ix-xogholijiet inkriminatorji mertu ta' dan il-kaz u ghalhekk ghalkemm setghu gew imwettqa fuq struzzjonijiet ta' terzi huwa xortawahda ghandu iwiegeb ghalihom u fit-tieni lok, minghajr ma jaghti l-ebda mottiv ghal dan l-aggravvju, jishaq illi kellha tinsab reita ghall-akkuza ta' *ragion fattasi* imressqa kontra l-appellat Shawish.

Illi din il-Qorti tistqarr minnufih illi l-appell imressaq 'il quddiem mill-Avukat Generali huwa wiehed pjuttost fjakk li ma jaghti l-ebda mottiv la legali u lanqas fattwali 'il ghala din il-Qorti ghandha tiddipartixxi mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti. Illi iz-zewg akkuzi imressqa kontra l-appellati jikkostitwixxu ir-reat ta'l-hekk ismejjah *ragion fattasi* u l-iehor ikkontemplat fl-artikolu 330 tal-Kodici Kriminali dwar id-dhul b'abbuz fi proprjeta ta' haddiehor, li t-tnejn li huma ghandhom elementi kostituttivi li iridu necessarjament jissussistu sabiex tinstab htija fil-persuna/i akkuzata/i.

Ibda biex ir-reat ta' ragion fattasi, kif magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-

Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et." (App. Krim. 14.10.1944, Vol.XXXII - IV, p.768) jinnecessita:

(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel '*di privato braccio*' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika; u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi[1].

Gie ritenut illi :

"**Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak i<u>ntenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb</u> li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq <u>il-movent</u> li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha**.[2]" (sottolijnar tal-Qorti)

"Hu irrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista Antolisei:

"*quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisec il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico*[3]."

---

[1] Il-Pulizija vs Mario Bezzina App.Krim 26/05/2004
[2] Il-Pulizija vs Eileen Said App.Krim 19/06/2002
[3] Il-Pulizija vs Mario Lungaro – App.Inf 15/11/1996

Issa ibda biex ma jirrizulta minn imkien mill-provi illi dan il-movent kien jezisti fl-appellat Zammit. Huwa jixhed illi kien il-bennej li kien gie inkarigat jahdem fil-proprjeta ta'l-appellat l-iehor Shawish. Jikkontendi illi huwa mexa skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu u kien hemm biss okkazzjoni wahda fejn huwa ingalja disa pulzieri minflok '4.5' gol-proprjeta tal-parti leza Dr. Tonio Azzopardi fejn ammetta illi dan ma sarx bl-ezercizzju ta' xi jedd li ippretenda li kellu hu jew il-principal tieghu fil-konfront ta' din il-proprjeta, izda dan kien zball li irrimedja ghalih billi ghamel ix-xogholijiet ripartatorji li kien hemm bzonn. Issa jekk dawn ma sarux ghas-sodisfazzjon tal-parti leza, dan l-ilment kellu jigi indirizzat f'forum iehor u mhux certament quddiem il-qrati ta' gustizzja penali.

Fil-konfront, imbaghad ta'l-imputat Shawish, ukoll din il-Qorti tistqarr illi l-element intenzjonali ma giex ippruvat u dan b'mod specjali mill-*e-mails* skambjati bejnu u il-parti leza Dr. Tonio Azzopardi kif ukoll il-Perit Etienne Magri minn fejn johrog illi l-intenzjoni kienet illi d-distanza ta' 4.5 pulzieri tinzamm meta isir l-ingall u ghalhekk ma jidhirx illi l-appellat kien qed jippretendi li ghandu jedd iktar minn hekk! Issa ukoll jekk dan sarx bi zball minn naha ta' xi parti involuta f'dawn ix-xogholijiet, ma jistax jinghad illi jissussiti ir-reat ta' *ragion fattasi* billi lanqas l-intenzjoni generika li jigi ezercitat xi jedd ma tezisti.

Imbaghad fir-rigward ta'l-azzjonijiet l-ohra li l-parti leza tilmenta minnhom, u li jiffurmaw il-mertu ta'l-ewwel imputazzjoni, cioe' il-fatt illi l-appellati jew xi hadd minnhom rifsu fuq il-proprjeta tieghu minghajr jedd u anke ghamlu xi hsara billi qacctu xi wires tal-*cable television* u poggew gebel konsistenti fi *bricks* u xi hadid fuq il-bejt proprjeta tieghu, l-akkuza fir-rigward tiddifetta minn zball procedurali u dan ghaliex huwa indubitat mill-atti tal-kawza, kif gustament tikkontendi d-difiza illi dawn l-azzjonijiet ma sarux fil-jum tat-03 ta' Novembru 2011 u cioe' id-data indikata fl-akkuza. Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellat Shawish ghal dawn in-nuqqasijiet (ghajr ghal qtugh tal-wires tal-*cable television*), ma jirrizultax mill-atti illi dawn l-allegati atti vjolatorji sehhew fil-jum indikat fl-akkuza. Harsa biss lejn l-affidavit ta' PS1157 li huwa il-pulizija li irceva ir-rapport minn ghand il-kwerelant u li minnu skattaw dawn il-proceduri gudizzjarji ghandu johrog illi r-rapport li sar fl-

04 ta' Novembru 2011 kien jirreferi unikament ghal fatt illi kien ser isir ingaljar fil-hajt divizorju b'tali mod illi allegatament kien ser ikun hemm l-att vjolatur f'dik il-parti tal-hajt li tappartjeni lilu u li kien qed isir ir-rapport ghal finijiet ta' "records". Lanqas ma jirrizulta mill-atti min mill-appellati ghamlu dawn l-azzjonijiet – min qaccat il-*wire* tal-*cable,* min tella' l-*bricks* fuq il-bejt jew min pogga il-hadida fuq is-saqaf tal-*washroom* ta'l-parti leza, u fuq kollox il-mezz adoperat sabiex sehh dan id-"dhul" - provi essenzjali fil-kamp penali sabiex tissussisti ir-reita' ghall-akkuza kif formulata. Dan billi l-artikolu 330 qabel xejn jistipula illi d-dhul irid necessarjament isehh bil-mezzi stabbiliti fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-Kodici Kriminali u fuq kollox dak id-dhul irid isir ghal xi skop kif imfisser fl-istess artikolu tal-ligi, provi li huma ghal kollox mankanti.

Illi allura ghalkemm l-agir imwettaq mill-appellat Shawish u/jew mill-haddiema inkarigati minnu (billi kif inghad din il-prova hija nieqsa), seta' kien nieqes minn kull konsiderazzjoni tal-buon vicinat u seta' anke ikkawza hsara lill-parti leza, madanakollu fil-kamp penali fejn il-grad tal-prova ghall-elementi kollha kostituttivi tar-reat jew reati li jitkellmu dwarhom l-akkuzi iridu jilhqu il-grad tac-certezza morali, dan il-grad tal-prova certament ma intlahaqx f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata b'dan ovvjament illi id-drittijiet civili kollha tal-partijiet huma u jibqghu impregudikati bl-odjerna decizjoni..

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur